# BLACKIE

*Ta'* A. Cremona

*(Jaqbad man-Numru ta' qabel mill-paġna 91)*

WARA xi siegħa u nofs, b'qalbhom ittaqtaq bil-biża' li jiltaqgħu ma' xi xkiel ta' attakk mill-ajru għalgħarrieda, sabu ruħhom fid-dar iċ-ċkejkna ta' l-Imdina.

Blackie, malli sab ruħu meħlus minn dak l-għeluq ta' ġewwa ċ-ċurniena, bla ma jaf kif u l-għala, beda jdur 'l hawn u 'l hinn ifittex b'għajnejh u bin-naska l-irkejjen ta' dari; ħarstu jdawwarha 'l hawn u 'l hinn: lejn il-ħitan, is-saqaf, u l-iktar lejn il-fetħa ta' l-isprall tal-kantina l-ġdida. Għalkemm xamm ir-riħa ta' l-ikel, bħalma kien ixomm fid-dar fejn kien trabba, beda jintebaħ li kienu ġibuh taħt saqaf ieħor. Hu xejn ma fettex, bħal dari, li jmur jitmelles ma' riġlejn Delina jew Rożina, jew imur f'ħoġorhom, jew imur jitrekken għas-sħana tal-kuċiniera. Hsiebu kien band'oħra, ifittex xi tieqa għal barra. Għalxejn dawk iż-żewġt ibniet kienu jerfgħuh f'ħoġorhom u jżiegħlu bih: għalih kienu donnhom nies barranin, moħħu biex jiżloq minn taħt idejhom u jxammam 'l hawn u 'l hinn, iwaqqaf widnejh għal kull ħoss li jisma' u jingħi.

"Dak il-qattus moħħu barra. Ara, Delina, li ma jaħrablekx, għax jekk joħroġ ma nsibuhx iżjed", dlonk qabżet tgħid l-omm meta rat lil Delina terħi minn idejha l-qattus, u dan ħabat sa jitla' t-taraġ tal-kantina.

Delina u Rożina ftiehmu, għalhekk, li jagħlqu l-qattus taħt it-taraġ tal-kantina sakemm jidra, qalu huma. Iżda wara li xeħtuh hemmhekk, il-qattus beda jingħi u jħarbex il-bieb b'saqajh, u kellhom joħorġuh. Tellgħuh fil-kmamar ta' fuq, fuq is-sodda, imma l-qattus ma kellu sabar joqgħod imkien; tellgħuh fuq il-bejt—dejjem f'idejn Delina u Rożina. Minn dak il-għoli, Blackie tafa' l-ħarsa tiegħu lejn dik il-medda raba' kollha ħdura u għorof, għoljiet u bini ta' rħula, u fil-bogħod 'il bogħod, bini ta' bliet u kampnari jmissu mas-sema li kien beda jintefa u jinħeba fiċ-ċpar irmiedi ta' fil-għaxija meta x-xemx kienet qiegħda tgħib ftit ftit min-naħa ta' l-Imtarfa. Il-ħarsa tal-qattus b'dawk l-għajnejn ileqqu u jibru kienu jagħtuk x'taħseb li kien qiegħed ifittex dik id-dar li issa kienu firduh minnha bix-xewqa kbira li jarġa' jithenna bl-irkejjen u bl-inħawi tagħha li qalbu kienet qiegħda tixxennaq għalihom.

Dik il-lejla, Blackie, hekk kif sab ruħu ġewwa kantina b'kamra waħda bi sprall li jagħti għal fuq it-triq u b'rokna taħt it-taraġ li stħajjilha għall-ewwel dik li fiha kien jieħu xi nagħsa, wara li teftef xi ftit ix-xewk ta' xi aringa u xi loqma ħobż mxarrba b'xi tisjir minn ġewwa platt tal-fuħħar, intafa' kobba u ħeba wiċċu bejn saqajh ta' quddiem u nesa d-dinja għdida li hekk għalgħarrieda sab ruħu fiha. Delina u Rożina, ħallewh waħdu bil-ħsieb li jdarruh ftit ftit l-irkejjen ġodda ta' dik id-dar, u telgħu jorqdu ma' ħuthom wara li raw li Blackie kien fl-isbaħ raqda.

* * *

L-għada kmieni kmieni l-omm qajmet lil Tessie u lil Delina biex imorru jixtru l-fliexken tal-ħalib. Rożina ċ-ċkejkna qamet magħhom ukoll, għax malli beda jbexbex ma kellhiex sabar tibqa' rieqda u libset minnufih u niżlet fil-kantina flimkien ma' Delina tittawwal lill-qattus. Sabuh għadu rieqed. Telgħu bil-kiss inkiss u flimkien ma' oħthom il-kbira telqu b'ġirja waħda għal fuq is-Saqqajja biex jixtru l-fliexken tal-ħalib. Kif reġgħu lura sabu l-bieb ta' barra nofsu miftuħ, niżlu fil-kantina u jsibu 'l ommhom theġġi t-tè u tnaddaf il-kċina. Delina u Rożina marru jagħtu daqqa ta' għajn lejn ir-rokna fejn ħallew rieqed il-qattus. Imma l-qattus ma kienx hemm.

"Mamà! Blackie mhux hawn! Rajtu xejn?" staqsiet minnufih Rożina. Hija u Delina bdew ifittxuh f'kull rokna tal-kċina; telgħu fuq, ittawlu taħt is-sodod, fl-irkejjen. Il-qattus ma deher imkien.

"Xi ħadd ħalla l-bieb ta' barra miftuħ, jew intom, jew il-papà huwa u ħiereġ għax-xogħol", qabżet tgħidilhom ommhom wara li niżlu jgħidulha li l-Blackie ma sabuhx.

"Aħna ħallejnieh rieqed taħt it-taraġ f'rokna", qabżet tgħid Delina, "il-bieb ta' barra sibnieh miftuħ, imma mhux għal kollox, meta ġejna lura".

"Mela ħarab mill-bieb. Issa qajla nsibuh. Min jaf għalfejn irħielha?" wieġbet l-omm.

"Jien ma nafx", reġgħet Delina, "ma nafx li ħallejna l-bieb miftuħ x'ħin morna nixtru l-ħalib. Naf li meta rġajna lura il-bieb kien nofsu miftuħ".

"Imxi mmorru nfittxuh", qabżet Tessie, "dak ma satax mar 'il bogħod".

Hekk kif niżel ħuhom fil-kantina għat-tè u sabhom f'dik il-bixla, ħabat ifittex il-qattus mad-dar kollha.

"Fittxejnieh kullimkien", qaltlu Tessie. "Hawnhekk mhux. Immorru nfittxuh barra, forsi nsibuh il-foss jew fuq is-swar" U l-aħwa kollha telqu għall-kaċċa ta' Blackie.

Iżda fittex minn hawn u fittex minn hemm, la fuq is-swar, la fil-foss, la fit-triqat ta' l-inħawi, la fix-xelter ta' ġewwa l-mina, la fil-ġnien ta' fuq is-Saqqajja, imkien ma deher dan l-imbierek ta' qattus. U qalbhom maqtugħa, l-erbat aħwa reġgħu lejn id-dar b'nifishom maqtugħ, rashom imgħaddsa u bla ebda ħajra li jduqu t-tè li ommhom ferrgħatilhom malli waslu.

"La darba sab it-triq ta' barra, lil Blackie issa qajla tarawh b'għajnejkom iżjed. Li konna għadna fid-dar l-oħra dlonk kontu tarawh jarġa' jiġi mument jew ieħor. Il-bieb ta' din id-dar ma jafu b'xejn... u ma nafx x'jrid ikun biex issa jinsab", qaltilhom ommhom.

"Imma aħna nerġgħu mmorru nfittxuh u fl-aħħar insibuh", qabżet Delina. Bil-kemm kellhom sabar itemmu l-kikkra tè li kellhom quddiemhom, li Delina u Rożina ma reġgħux ħarġu 'l barra biex imorru jagħtu daqqa ta' għajn oħra fl-inħawi u fit-triqat ta' dik il-ħâra· Iżda, wara nofs ta' nhar sħiħ ta' tfittxija Rożina u Delina ġew lura lejn id-dar qalbhom sewda l-għaliex lil Blackie ma sabuhx.

* * *

Għadda xahar u Blackie ma nstabx. L-omm, wara xi xahrejn minn l-aħħar mawra tagħha fid-dar li kellhom fit-trufijiet ta' Bormla fl-inħawi tal-Hawli, xtaqet tarġa' tmur tagħti titwila lil dik id-dar u tieħu xi għata tas-sodod għax kienet riesqa x-xitwa. L-ewwel jum li dehrilha li tista' tiċċaqlaq, f'ħemda ta' l-ajru, li kien ilu xi jumejn ma jiġi miksur mill-ħsejjes ta' l-ajruplani tal-għadu, hekk kif ħareġ żewġha għax-xogħol, telqet ma' wliedha kollha lejn darha f'Tal-Hawli.

Hekk kif waslu qalgħu xi għata u xi ħwejjeġ oħra, ġabruhom fi tliet sarar biex wara nofs in-nhar iġorruhom magħhom lejn id-dar ta' l-Imdina. Rożina u Delina flimkien ma' Tessie marru għand Lieni tar-razzett biex ibaxxruha bit-telfa ta' Blackie. Dik, malli rathom, ħabtet tistaqsihom x'kien li reġgħu ġew lejn il-Hawli mill-Imdina, iżda dawk qatgħulha l-ewwel kelma li ħarġet minn fommha u tawha l-bxara illi l-qattus, wara li kienu ħaduh magħhom, ħarbilhom u ma deherx iżjed.

"Kieku taf kemm għalejna għal Blackie" qaltilha Rożina bid-dmugħ f'għajnejha.

"Imma l-qattus l-Iswed tagħkom għadu hawn. Kif inhi din li intom kontu ħadtuh l-Imdina magħkom u reġa' ġie waħdu hawnhekk?" qabżet tgħidilhom Lieni.

"Blackie qiegħed hawn?" staqsiet b'għajnejha mberrqin Delina. "Tassew?"

"Iva, binti", wieġbet Lieni.

"Mhux xi qattus ieħor?", staqsietha Tessie.

"Le, le, uliedi; dak li jiġi ta' kuljum għandi hawnhekk huwa l-qattus tagħkom, u jien, biex ngħidilkom, naf li forsi qiegħed barra minn daru, u dejjem bil-ħsieb li ħallejtuh warajkom, kont qiegħda nitimgħu mal-qattus tiegħi", kompliet tgħidilhom Lieni.

"Konna ġejna għalih u ħadnieh magħna, imma, jaħasra, ħarbilna", qabżet tgħidilha Rożina, "ħarbilna".

"Ilek li rajtu?", staqsiet Delina.

"Dalgħodu stess", wieġbet Lieni.

"Issa x'ħin jiġi?" staqsiet Tessie.

"Min jaf. M'għandux ħin. Gie li jdum jumejn ma jidher", issuktat tgħidilhom Lieni.

"Imxu immorru ngħidu lill-mamà... forsi narawh u nerġgħu niġbruh", qabżet tgħid minnufih Delina.

U telqu jiġru jgħidu 'l ommhom.

* * *

"Mamà, mamà, il-Blackie qiegħed hawn", infexxet tgħajjat Rożina, u warajha ħutha wkoll malli waslu d-dar.

L-omm kienet fil-bieb tistenniehom ma' ħuhom Fredu biex tgħidilhom ukoll li hija u ħuhom lemħu lil Blackie jaqbeż il-ħitan tal-għalqa ta' ħdejhom.

"Rajtu, mà? Imma 'l Blackie tassew dak li rajt?", staqsiet Delina.

"'Il Blackie kollu kemm hu. Jien ma ridtx nemmen 'l għajnejja, kif Blackie kellu l-ħila, mill-Imdina hekk 'il bogħod, isib it-triq u jasal hawnhekk", infexxet tgħid l-omm. "Irsaqt lejh, sejjaħtlu, ħabat riesaq, waqaf iħares lejja, imma meta mort biex naqbdu, donnu tgerrex minni, u telaq jiġri qalb is-siġar, kultant jieqaf iħares lura, sakemm għab għal kollox u ma rajtux iżjed".

"Dak żgur baża' li nerġgħu neħduh", qabżet tgħid Delina.

"Ara x'nagħmlu mà", qabeż igħid Fredu, it-tifel, "immorru ngħidu lil Lieni tiġborhulna u żżommu għandha marbut sakemm nerġgħu niġu ġimgħa oħra u nerġgħu neħduh magħna".

"Iva, iva, hekk nagħmlu mà", qabżet tgħid Tessie.

Qabel ma telqu għall-Imdina bis-sarar tal-għata u ħwejjeġ oħra, għaddew għand Lieni u talbuha tiġbrilhom lil Blackie sakemm il-ġimgħa ta' wara jerġgħu jaslu wasla u jeħduh minn għandha.

"Jalla jirnexxili naqbdu u nżommulkom, għax milli jidher il-qattus sar jitgerrex mix-xejn; jiġi jiekol bis-serqa; malli jħossok riesaq lejh jitlaq jiġri daqs vleġġa", qaltilhom Lieni.

"Agħmlilna mill-aħjar u nkunu nafuhulek", qaltilha s-sinjura Ġuża, omm it-tfal.

"Taħseb xejn, sinjura", wieġbet bil-ħlewwa kollha Lieni, "jalla s-Sema jieqaf magħna u jżommna ħajjin sa dak in-nhar. Aħna hawnhekk qalbna dejjem ittaqtaq. Mhux ħlief intellgħu u nniżżlu jekk inwarrbux minn hawn u nitilqu lejn Ħaż-Żabbar ħdejn it-tfal. Imma dawn l-erba' bhejjem u tjur li għandna rabtuna rabta magħhom li minnha ma nistgħux ninħallu bilġri"

"Is-Sema jieqaf magħkom Lien, u ma' kulħadd. Saħħa", wieġbet is-sinjura Ġuża hija u sa titlaq ma' wliedha.

"Saħħa, sinjura, saħħa, uliedi. Il-Bambin iżommkom qawwijin u sħaħ, u ħallu min jarakom". U b'dawn il-kliem, filwaqt li baqgħet issellmilhom b'idejha, sakemm l-oħrajn kisru l-kantuniera, daħlet ġewwa għax Majsi tagħha kien wasal mill-għalqa bl-erba' nagħġiet biex jisqihom u jdaħħalhom fil-maqjel.

* * *

Il-ġimgħa ta' wara l-ajru beda jissaħħab bi qtajja' ta' ajruplani ġejjin u sejrin, jistħarrġu lejn l-erbat irjieħ id-dehra talgħadu li mill-bogħod 'il bogħol ħassewh riesaq lejn il-gżejjer.

It-tfaqqigħ ta' sparar fl-ajru, il-ħoss ta' xi bomba 'l hawn u 'l hinn taw minnufih l-aħbar ta' xi attakki. Dlonk instemgħu l-agħjat tas-sireni, u n-nies ħarġet tiġri minn kullimkien għallkenn ta' taħt l-art. Kienu ġranet ta' attakki ħorox, wieħed wara l-ieħor, nhar u lejl.

Fl-irħula tan-naħa tal-punent tal-gżira u l-Imdina waslet l-aħbar ta' qirda kbira fl-inħawi tat-tarzna, l-Isla, Bormla u l-Birgu, u n-nies ta' dawk l-inħawi li kienu marru jgħammru f'postijiet oħra 'l bogħod, kienu fuq ix-xwiek biex malli jehdew dawk it-taqbidiet ta' l-ajru jmorru jitkixxfu jekk f'darhom ġratx xi ħsara jew jekk darhom għadhiex fuq saqajha.

Il-missier u l-omm ta' Delina u Rożina, is-Sur Feliċ u s-sinjura Ġuża, kienu wkoll jistennew il-waqt li bl-inqas biża' u taqtiq ta' qalb ikunu jistgħu jmorru jittawlu lil darhom, għal-

kemm hemmhekk ma kinux ħallew ħlief xi erba' injamiet ta' mobbli qodma. Hekk malli raw l-ajru jissaffa għal kollox u raġa' waqa' s-skiet, telqu minn filgħodu kmieni lejn id-dar tagħhom tat-trufijiet tal-Ħawli. Magħhom ħadu lil Delina u lil Rożina li kellhom mitt sena biex jaraw x'sar mill-maħbub tagħhom Blackie.

Dak in-nhar il-*buses* kienu mimlijin b'kotra ta' nies li bħal dawk xtaqu jmorru jaraw jekk f'darhom ġratx xi ħsara. Xi wħud ma kienu qatt tħarrku minn dawk il-postijiet tal-kenn minn mindu telqu lil darhom malli faqqgħet il-gwerra.

Malli niżlu mill-*bus* li wassalhom sal-bieb tal-Birgu għaġġlu jirbħu t-telgħa ta' fuq Santa Margerita. Xi dar 'l hawn u 'l hinn dehru bi ħġieġ ta' twieqi mfarrka u xi bibien b'xi injam imtajjar u mfarrak, iżda l-ħsara l-kbira ma kenitx laħqet f'dawk l-inħawi. It-triqat kollha baħħ: ebda ħoss ta' maħluq. Barra l-Mina tal-Blat, lejn it-triq li tagħti għal Ħaż-Żabbar ukoll baħħ. Tistħajlek miexi fuq l-art tal-mejtin. Ix-xatba tar-razzett ta' Lieni magħluqa. Ebda ħoss. Minn xi ħitan imwaqqgħa tal-għalqa kont tista' tara l-għorof, li biċċiet minnhom kellhom ukoll xi ġnub imwaqqgħa. Fil-mandra u fil-bitħa u fl-għelieqi ebda ħjiel ta' nies jew annimali. Dak il-ħin kien għaddej raġel ma' mara lejn il-Bieb ta' Hompesch. Is-sinjura Ġuża staqsiethom: "Tafu xejn jekk in-nies ta' dan ir-razzett għadhomx hawn?"

"Le, m'għadhomx hawn", weġbitha l-mara, "dawk telqu l-ġimgħa l-oħra bil-bhejjem b'kollox. Għandhom uliedhom Ħaż-Żabbar.

"Saħħa u grazzi", weġbitha s-sinjura Ġuża. "Imxu imorru, hawn m'għandniex għalfejn noqogħdu nitnikkru", issuktat tgħid lil żewġha u 'l uliedha.

Iżda Delina u Rożina għaddsu rashom u bil-kemm xtaqu jitħarrku minn dawk l-inħawi bit-tama li jaraw lil Blackie ħiereġ jew dieħel f'dak ir-razzett· Il-missier u l-omm u ż-żewġ uliedhom baqgħu mixjin u fl-aħħar għawġu t-triq li wasslithom quddiem darhom.

Id-dehra ta' ħaġa sewda maġenb il-għatba tad-dar waqqfithom xi pass 'il bogħod. B'ħarsa miblugħa dawru wiċċhom jistaqsu lil xulxin bla kliem. Fl-aħħar ħarrku l-pass u waqfu quddiem dik l-ħaġa sewda li ma kenitx ħaġ'oħra ħlief il-ġisem mejjet ta' Blackie, ġismu mtaqqab minn bċejjeċ ta' l-azzar tal-bombi. Il-bieb tad-dar deher sfrundat, iżda mhux miftuħ għal

kollox. Il-ħajt tal-faċċata tad-dar kien 'l hawn u 'l hinn mtaqqab ukoll minn dik l-istess arma li laqtet lil Blackie fil-waqt li riesaq lejn id-dar li minnha ma ried qatt jnfired.

Delina u Rożina baqgħu jħarsu lejn dak il-ġisem mejjet jixxuttaw id-dmugħ li beda jġelben minn għajnejhom. "Miskin Blackie tagħna kif kellu jtemm ħajtu. Fiex kellha twasslu r-rabta li kellu ma' din id-dar fejn twieled u trabba".

U dawn kienu l-ħsibijiet li għaddew minn moħħ is-sinjura Ġuża, żewġha u ż-żewġ ulied, Delina u Rożina, huma u jħarsu bi ħniena lejn dak il-ġisem mejjet tal-qattus għażiż tagħhom—xhieda ta' waħda mill-ġerħiet tal-gwerra.